MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tal-25 ta' Frar, 2010

Citazzjoni Numru. 1215/2009

**Eufin Holding S.A. hawn rapprezentanta minn Dr. Robert Tufigno (karta ta identita` numru 191657 M) fil-kwalita` tieghu ta' prokuratur specjali taghha.**

**vs**

**Dopmar S. r. l.**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors guramentat ta' Eufin Holding S.A. datat 14 ta' Dicembru 2009, hawn rapprezentata minn Dr. Robert Tufigno (karta ta' identita` numru 191657M) fil-kwalita` tieghu ta' prokuratur specjali tal-istess bil-gurament tieghu jikkonferma: -

Illi s-socjeta` intimata hija l-unika proprjetarja tal-bastiment "PROSPERITAS" registrat f'Malta bin-numru ufficjali u

numru tal-IMO 9335707, u bin-numru tal-port 451 fis-sena 2008;

Illi kif jidher minn skrittura datata 13 ta' Marzu 2008 ("Skittura ta' self") bejn is-socjeta` intimata u Sanpaolo Bank S.A., awtur tas-socjeta` rikorrenti, Sanpaolo Bank SA silfet lis-socjeta' intimata s-somma indikata fl-istess Skrittura ta’ self bil-pattijlet u kundizzjonijlet hemm pattwiti;

Illi b'effett mis-7 ta' Lulju 2008 id-drittijiet u obbligazzjonijiet kollha tas-socjeta' Sanpaolo Bank SA naxxenti mill-Iskrittura ta' Self gew trasferiti lis-socjeta' Europeenne de Banque S.A.; u dan skont il-ligi tal-Lussemburgu wara li kien hamm skambju ta' attivitajiet bejn Sanpaolo Bank SA u s-socjeta` rikorrenti wara decizjoni taz-zewg entitajiet datata 25 ta' Gunju 2008, liema atti gew debitament registrati fir-registru kummercjali tal-Lussemburgu bir-riferenza B13.859;

Illi fost l-obbligazzjonijiet li s-socjeta' intimata intrabtet bihom fl-Iskrittura ta' Self kien hemm l-obbligu illi s-socjeta' intimata tezegwixxi a favur ta' Sanpoalo Bank SA u tikkonsenjalu *mortgage* fuq ‘il fuq imsemmi bastiment m.v. Propseritas sabiex tikkawtela l-hlas ta' kull ammont dovut lil Sanpaolo Bank SA taht l-imsemmija Skrittura ta' Self, liema dritt ghadda, kif fuq premess, lis-socjeta' esponneti Europeenne de Banque S.A.;

Illi s-socjeta' rikorrenti giet surrogate fid-drittijiet kollha tas-socjeta' Socjeta` Europeenne de Banque S.A.;

Illi s-socjeta' intimata naqset *inter alia* milli tesegwixxi tali *mortgage* fuq il-bastiment m.v. Propseritas;

Illi l-kreditu tas-socjeta' rikorrenti llum ghadu ma giex kawtelat kif pattwit u s-socjeta' rikorrenti ghandha interess illi s-socjeta' intimata tigi kkundannata tesegwixxi tali *mortgage* u li tikkonsejaha lis-socjeta' rikorrenti halli din tkun tista' tirregistra l-istess *mortgage* fir-registru tal-bastiment m.v. Prosperitas u dan f’forma u b'kontenut kemm jista jkun jixbah lill-abbozz ta' *mortgage*, li qed jigi hawn annessa bhala Dok “B”, jew f’forma u kontenut

kemm jista' ikun jixraq lill-abbozz ta' *mortgage*, li qed jigi annessa bhala Dok "B", jew f'forma u kontenut verjuri kif jidher xieraq lil din l-Onorabbli Qorti, u bl-osservanza tar-rekwizti kollha li r-Regisratur Generali tal-Bastimenti u Bahrin jirrikjedi;

Illi in kawtela *inter alia* tad-dritt tad-dritt tas-socjeta` rikorrenti li jkollha *mortgage* ezegwit u registrat fuq l-isemmi bastiment, fit-13 ta' Novembru 2009 is-socjeta' Europeenne de Banque S.A. ottjeniet ordni minn din l-Onorabbli Qorti biex jigi inibit kull negozju tal-imsemmi bastiment kif ukoll li jigi registrat kull *mortgage* fuq l-istess;

Illi l-avukat Dottor Robert Tufigno gie mahtur prokuratur specjali tas-socjeta' rikorrenti kif jidher mill-annessa kopja ta' prokura mmarkata Dok "C";

Illi Dr. Robert Tufigno jaf b'dawn il-fatti kif riportati lilu mill-mandanti tieghu.

Is-socjeta' rikorrenti titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti, previa id-dikjarazzjonijiet necessarji u wara li jinghataw il-provvedimenti opportuni, joghgobha ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddikjara, jekk hemm bzonn, illi s-socjeta' rikorrenti, bhala surrogata fid-drittijiet kollha tas-socjeta' Societe' Europeenne de Banque S.A. u din bhala successur tas-socjeta' Sanpaolo Bank S.A., u aventi kawza minnha huma intitolati li kull ammont dovut mis-socjeta` intimata lis-socjeta' rikorrenti u aventi kawza minnha naxxenti minn jew dovuti taht il-kuntratt ta' self datat 13 ta' Marzu 2008 bejn is-socjeta' intimata u Sanpaolo Bank S.A. (l-awtur originali tas-socjeta' rikorrenti) ikunu kawtelat b'*mortgage* ezegwit u registrat fug il-bastiment m.v. Prosperitas registrat fir-registru Malti bin-numru ufficjali u bin-numru tal-International Maritime Organisation 9335707;

2. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex tesegwixxi a favur tas-socjeta' rikorrenti u aventi kawza minnha *mortgage* fuq l-imsemmi bastiment m.v. Prosperitas sabiex l-istess *mortgage* jikkawtela kull

ammont dovut lis-socjeta' rikorrenti u aventi kawza minnha mis-socjeta' intimata naxxenti minn jew dovuti taht il-kuntratt ta' self datat 13 ta' Marzu 2008 bejn is-socjeta' intimata u Sanpaolo Bank S.A. (l-awtur originali tas-socjeta' rikorrenti) u dan f'dik il-forma u b'dak il-kontenut li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun;

3. Tiffissa l-jum, il-hin, u l-lok ghall-esekuzzjoni tal-istess *mortgage*;

4. Tinnomina kuraturi biex jirrapprezentaw lis-socjeta' intimata fuq l-imsemmija *mortgage* u jiffirmawha f'isem is-socjeta' intimata f'kaz illi hija tibqa' kontumaci kemm jekk ma tidhirx assolutament, kif ukoll jekk ma tissodisfax ir-rekwiziti kollha mehtiega mir-Regisratur Generali tal-Bastimenti u Bahrin ghall-esekuzzjoni u registrazzjoni tal-*mortgage* fuq l-imsemmi bastiment m.v. Prosperitas;

5. Tordna lis-socjeta' intimata u jekk ikun il-kaz lill-kuraturi nominati minn din l-Onorabbli Qorti biex jikkonsenjaw fid-data stabbilita minn din l-Onorabbli Qorti il-*mortgage* debitament ezegwita kif fuq mitlub;

6. Tordna li, minkejja kull ordni iehor kuntrarju, l-istess *mortgage* tigi registrata fir-Registru tal-bastiment m.v. Prosperitas mir-Regisratur Generali tal-Bastimenti u Bahrin;

7. Tordna li kull ordni maghmula minn din l-Qorti fis-sentenza tigi notifikata lir-Registratur Generali tal-Bastimenti u Bahrin.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' intimata li tibqa' ngunta biex tidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarzzjoni u nota tax-xhieda tas-socjeta` rikorrenti;

Rat illi ir-rikors guramentat gie debitament notifikat lis-socjeta` intimata li naqset milli tipprezenta risposta u hekk baqghet kontumaci;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta` rikorrenti.

Semghet l-Avukat tas-socjeta` rikorrenti.

Ezaminat l-atti tar-rikors.

Billi mil;l-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors guramentat jirrizultaw pruvati.

Fil-kontumacja tas-socjeta` intimata tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti kif dedotti fir-rikors guramentat: -

1. Tiddikjara, illi s-socjeta' rikorrenti, bhala surrogata fid-drittijiet kollha tas-socjeta' Societe' Europeenne de Banque S.A. u din bhala successur tas-socjeta' Sanpaolo Bank S.A., u aventi kawza minnha huma intitolati li kull ammont dovut mis-socjeta` intimata lis-socjeta' rikorrenti u aventi kawza minnha naxxenti minn jew dovuti taht il-kuntratt ta' self datat 13 ta' Marzu 2008 bejn is-socjeta' intimata u Sanpaolo Bank S.A. (l-awtur originali tas-socjeta' rikorrenti) ikunu kawtelat b'*mortgage* ezegwit u registrat fug il-bastiment m.v. Prosperitas registrat fir-registru Malti bin-numru ufficjali u bin-numru tal-International Maritime Organisation 9335707;

2. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex tesegwixxi a favur tas-socjeta' rikorrenti u aventi kawza minnha *mortgage* fuq l-imsemmi bastiment m.v. Prosperitas sabiex l-istess *mortgage* jikkawtela kull ammont dovut lis-socjeta' rikorrenti u aventi kawza minnha mis-socjeta' intimata naxxenti minn jew dovuti taht il-kuntratt ta' self datat 13 ta' Marzu 2008 bejn is-socjeta' intimata u Sanpaolo Bank S.A. (l-awtur originali tas-socjeta' rikorrenti) u dan skont il-formola abbazi ta' Dok 'B' anness mar-rikors guramentat a fol. 14 tal-process.

3. Tappunta d-data tal-4 ta' Marzu 2010 fil-11.30a.m. f'wahda mill-Awli tal-Qrati Superjuri fil-Belt Valletta ghall-esekuzzjoni tal-istess *mortgage*;

4. Tinnomina lil Dr Louis Cassar Pullicino bhala kuratur biex jirrapprezenta lis-socjeta' intimata fuq l-imsemmija

*mortgage* u jiffirmaha f'isem is-socjeta' intimata f'kaz illi hija tibqa' kontumaci kemm jekk ma tidhirx assolutament, kif ukoll jekk ma tissodisfax ir-rekwiziti kollha mehtiega mir-Registratur Generali tal-Bastimenti u Bahrin ghall-esekuzzjoni u registrazzjoni tal-*mortgage* fuq l-imsemmi bastiment m.v. Prosperitas;

5. Tordna lis-socjeta' intimata u jekk ikun il-kaz lil Dr Louis Cassar Pullicino bhala kuratur tal-istess, hawn nominat biex jikkonsenja fl-4 ta' Marzu 2010 fil-11.30am il-*mortgage* debitament ezegwita kif fuq mitlub;

6. Tordna li, minkejja kull ordni iehor kuntrarju, l-istess *mortgage* tigi registrata fir-Registru tal-bastiment m.v. Prosperitas mir-Regisratur Generali tal-Bastimenti u Bahrin;

7. Tordna li kull ordni maghmula minn din l-Qorti fis-sentenza tigi notifikata lir-Registratur Generali tal-Bastimenti u Bahrin.

Bl-ispejjez kontra is-socjeta` intimata.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------